# L-ISKRITTURA MQADDSA U D-''DIVINA COMMEDIA'' TA' DANTE ALIGHIERI

*Ta'* LAWRENCE R. SCHIAVONE

(*Jissokta mill-Ħarġa ta' Ġunju*, 1965)

## IL-ĠENNA

### LEJN IL-ĠMIEL U D-DAWL TAS-SEMA

Immexxi minn Beatrice, dawl u hena tiegħu, Dante jibda l-aħħar parti tal-vjaġġ tiegħu li mit-triq tat-telfien ta' ruħu sejjer iwasslu, niedem u hieni, quddiem it-tron t'Alla. Vjaġġ umanament impossibbli, li biss il-fantażija mixgħula tal-poeta u l-poeżija kbira tiegħu jistgħu jwettqu. Mhux aktar il-biża' u d-dlam ta' l-infern, mhux aktar id-dieqa u t-tnehid tal-purgatorju, imma dawl mill-iżjed qawwi, sbuħija bla qies, ħlewwa ta' melodija li ma titfisserx jilqgħu lil Dante fit-titjira poetika tiegħu fost l-erwieħ qaddisa tas-Sema. Tassew tal-għaġeb, hawnhekk, naraw il-ħolma tal-poeta li fiha jistħajlu jtir minn din'a għal oħra fejn dawn il-qaddisin qegħdin igawdu 'l Alla wara ħajja fuq din l-art mgħoddija fit-taħriġ ta' għemil qaddis u marbuta għalkollox mar-rieda mqaddsa tiegħu.

F'din il-Kantika wkoll naraw kemm l-Iskrittura, bit-tagħlim u l-eżempji sbieħ tagħha, kienet fil-ħsieb ta' Dante meta ġie biex ikanta l-ġmiel u l-kobor tas-Sema; inżidu li fil-waqt li fiż-żewġ Kantiki l-oħra l-element klassiku għandu sehem sewwa u x'aktarx jilħaq, l-aktar fl-Infern, l-importanza ta' l-element kristjan, dan ta' l-aħħar jilħaq u jisboq fil-Ġenna — u hekk jixraq — kull element ieħor. Nimxu għalhekk aħna wkoll ma' Dante f'dan il-vjaġġ tiegħu; nisimgħu bħalu minn fomm Beatrice jew minn għand il-qaddisin li magħhom jiltaqa' t-tifsir tad-dottrina li waħdu ma jasalx biex jifhem, u fuq kollox naraw bħalu l-erwieħ qaddisa ta' persunaġġi kbar li bl-istorja tagħhom jimlew tant paġni mill-Kotba Mqaddsa.

Mill-quċċata tal-muntanja tal-Purgatorju Beatrice u Dante jtiru b'ħeffa li ma titwemminx lejn il-Qamar fejn skond il-fantażija tal-poeta jidhrulu l-erwieħ ta' dawk li mħabba l-vjolenza ta' ħaddieħor ma setgħux jaqdu dmirhom u jkomplu l-wegħda tagħhom 'l Alla, imma li r-rieda tagħhom baqgħet dejjem marbuta għal kollox mar-rieda mqaddsa Tiegħu. F'moħħ Dante jidħlu xi dubji

li hu ma jafx kif sejjer iressaq quddiem Beatrice biex tħollhomlu, imma, igħidilna l-poeta,

*Fe' si Beatrice qual fe' Daniello,*
*Nabuccodonosor levando d'ira,*
*che l'avea fatto ingiustamente fello.* (Par. IV 13-15).

Il-profeta Danjieli — kif insibu fil-ktieb tiegħu — għaraf ifisser lill-kburi Nabuccodonosor il-ħolma li dan is-sultan kien nesa u li mħabba fiha kien ikkundanna għall-mewt bla ħtija lis-saħħara tiegħu għax ma għarfux ifakkruhielu.

U hekk Beatrice tfiehem lil Dante li dawk l-erwieħ qaddisa jidhru fil-Qamar biss biex juru l-grad ta' beatitudini li messhom, imma l-post tagħhom veru, bħal dak tal-qaddisin l-oħra kollha, huwa l-Empireo għal dejjem madwar it-tron t'Alla. Hekk jeħtieġ isir — iżżid tgħidlu Beatrice — biex moħħ il-bniedem jifhem il-ħwejjeġ t'Alla, u tissokta:

*Per questo la Scrittura condescende*
*a vostra facultate, e piedi e mano*
*attribuisce a Dio, e altro intende;*

*e Santa Chiesa con aspetto umano*
*Gabriel e Michel vi rappresenta*
*e l'altro che Tobia rifece sano.* (Par. IV 42-48).

Beatrice tgħaddi mbagħad biex turi lill-poeta kemm hija sabiħa l-wegħda li nagħmlu 'l Alla fil-ħtieġiet tagħna u kemm għandna noqogħdu attenti qabel ma nintrabtu biha biex ma jkollniex għax nitolbu li ninħallu minn din il-wegħda ħlief għal raġuni serja:

*Non prendan li mortali il voto a ciancia:*
*siate fedeli, e ciò far non bieci,*
*come Ieptè a la sua prima mancia.* (Par. V 64-66).

L-Iskrittura ssemmilna l-kas tal-Imħallef tal-Lhud Jefte li qabel it-taqbida mal-Ammoniti wiegħed 'l Alla, bla qagħad jaħsibha, issagrifiċċju ta' l-ewwel persuna li tidher quddiemu wara r-rebħa: din il-persuna kellha tkun bintu stess.

Fis-sema ta' Merkurju Dante jilmaħ l-erwieħ ta' dawk il-bnedmin li f'ħajjithom urew ħeġġa u bżulija biex jilħqu fama u l-kobor u s-setgħa ta' Ruma, Beatrice terġa' tħoll dubju ieħor ta' Dante dwar il-fidwa tal-bniedem u l-mewt ta' Kristu fuq is-salib billi tibda l-istorja tal-fidwa mill-waqgħa fid-dnub ta' Adam u Eva:

*Per non soffrire a la virtù che vole*
*freno a sua prode, quell'om che non nacque,*
*dannando sè dannò tutta sua prole*

*onde l'umana specie inferma giacque*
*giù per secoli molti in grande errore,*
*fin ch'al Verbo di Dio discender piacque.* (Par. VII 25-30).

u tkompli tfiehmu kif Alla, fil-ħniena u l-ġustizzja tiegħu għoġbu jibgħat lil Ibnu fuq din l-art biex ipatti tal-ħsara kbira li kienet saret bid-dnub ta' l-ewwel ġenituri tagħna. Kull mod ieħor ma kienx jiswa tispiċċa tgħid Beatrice,

*se 'l Figliuol di Dio*
*non fosse umiliato ad incarnarsi.* (Par. VII 119-130)

Mill-ġdid f'moħħ il-poeta jidħol ħsieb ieħor li hu jagħraf li ma jistax iħoll, imma Beatrice hija dejjem lesta biex tħoll ukoll dan id-dubju qabel itiru lejn Venere, li fiha jidhru l-erwieħ qaddisa li mxew dejjem fuq il-liġi tal-Mulej billi ħabbew 'l Alla fuq kollox u 'l għajrhom bħalhom infushom. Ir-ruħ ta' Folco, isqof ta' Marsilja, imdawra b'dija liema bħala turi lil Dante l-ħsara kbira li qegħdin jagħmlu lill-Knisja x'uħud mill-membri tal-kleru mħabba x-xeħħa tagħhom mingħajr ma jagħtu kas ta' dak il-faqar ta' l-ispirtu li jgħallem Ġesù fil-Vanġelu:

*Non vanno i lor pensieri a Nazarette,*
*là dove Gabriello aperse l'ali.* (Par. IX 137-138).

F'daqqa waħda l-poeta jsib ruħu fix-xemx. Is-sbuħija u d-dawl tax-xemx huma tant qawwija li l-poeta ma jsibx kliem biex ifissirhom, u l-kant tal-qaddisin għorrief u dutturi tal-Knisja huwa tant ħelu li jistqarr li anqas biss jista' jtina idea. Beatrice tħeġġu biex jagħti ħajr 'l Alla tal-grazzja hekk kbira li tah meta wasslu f'dan il-ġmiel bla qies. Hawnhekk ir-ruħ sabiħa tal-għaref S. Tumas tkellem lil Dante u turih fost l-erwieħ ta' dawk l-għorrief l-oħra li b'għerfhom għaġġbu d-dinja lis-sultan Salamun:

*La quinta luce, ch'è tra noi più bella,*
*spira di tale amor, che tutto 'l mondo*
*la giù ne gola di saper novella:*
*entro v'è l'alta mente u' si profonda*
*saver fu messo, che se 'l ver è vero,*
*a veder tanto non surse il secondo.* (Par. X 109-114).

Il-qaddisin fix-xemx jidhru lil Dante fi tliet dawriet b'ċentru wieħed; il-ħlewwa tagħhom imxebbha mal-qawsalla tfakkru fil-patt li, tgħidilna l-Iskrittura, Alla għamel mal-patrijarka Noè wara d-dilluvju. Fit-tieni dawra, imbagħad, insibu lil S. Bonaventura li jkanta l-qdusija ta' S. Duminku kif qabel S. Tumas ikanta dik ta' S. Franġisk, u juri lil Dante persunaġġ ieħor tal-Kotba Mqaddsa: il-profeta Natan.

Il-kliem ta' S. Tumas dwar l-għerf ta' Salamun iħasseb lill-poeta, imma l-istess qaddis duttur tal-Knisja ifiehem lil Dante kemm m'għandux għaliex jitħasseb dwar il-grad ta' perfezzjoni f'Salamun, u jwissih kemm għandu joqgħod attent il-bniedem qabel ma jagħti l-ġudizzju tiegħu fuq il-ħwejjeġ t'Alla li ma jistax jifhem.

Għat-talba ta' Beatrice, mid-dawl l-aktar qawwi jinsema' l-leħen tas-sultan Salamun li juri lil Dante kif isiru jiddu l-erwieħ qaddisa wara l-qawmha mill-mewt ta' l-iġsma tagħhom biex minn għand Alla quddiem kulħadd jieħdu l-premju li jistħoqqilhom. Dante, imbagħad, iħares f'għajnejn Beatrice u jħossu meħud f'leħħa ta' berqa fis-sema ta' Marte.

Jinsabu hawnhekk f'għamla ta' salib kbir il-qaddisin li għarfu jitqabdu, ibatu u jmutu biex jagħtu xhieda tat-twemmin tagħhom fil-veru Alla. Fost l-erwieħ fis-sema ta' Marte l-poeta jilmaħ dik ta' Ġożwè li kif igħidilna l-Antik Testment mexxa l-poplu t'Alla fid-deżert u wasslu fl-art imwiegħda:

*Io vidi per la croce un lume tratto*
*dal nomar Iosuè com'el si feo;*
*nè mi fu noto il dir prima che 'l fatto.* (Par. XVIII 37-39).

u lil Ġuda Makkabew, il-mexxej qalbieni tal-Lhud li ħeles lil dan il-poplu mill-jasar tas-sultan Antijoku Epifane tas-Sirja:

*E al nome de l'alto Maccabeo*
*vidi moversi un altro roteando,*
*e letizia era ferza del paleo.* (Par. XVIII 40-42).

Mill-ġdid il-leħen tal-Kotba Mqaddsa nisimgħuh fis-sema ta' Ġove fejn qegħdin l-erwieħ tas-slaten u mexxejja oħra tal-ġnus li wrew għaqal u ġustizzja fit-tmexxija tal-popli fdati f'idejhom. Id-dwal ħerġin minnhom, igħidilna Dante, jiffurmaw twissija li Salamun jagħti lis-slaten ta' l-art:

*"DILIGITE IUSTITIAM" primai*
*fur verbo e nome di tutto 'l dipinto;*
*"QUI IUDICATIS TERRAM" fur sezzai.*
(Par. XVIII 91-93).

Hawn ukoll Dante jġibilna quddiemna persunaġġi oħra tal-Antik Testment. Naraw lis-sultan David, ir-rebbieħ tal-Filistej u l-awtur tas-salmi:

*Colui che luce in mezzo per pupilla,*
*fu il cantor de lo Spirito Santo,*
*che l'arca traslatò di villa in villa.*
(Par. XX 37-39).

u lis-sultan Ezekija li lilu Alla għoġbu jtawwal il-ħajja biex ikun jista', kif talab, jagħmel aktar penitenza għal ħtijietu:

*E quel che segue in la cirunferenza*
*per l'arco superno,*
*morte indugiò per vera penitenza.* (Par. XX 49-51).

Fis-sema ta' Saturnu nisimgħu lil S. Pier Damjanu, wieħed mill-qaddisin li għaxu ħajja kontemplativa, jikkundanna l-lussu li fih qegħdin (jgħixu x'uħud mill-membri tal-kleru. Biex juri kif għandu jgħix min iddedika ħajtu 'l Alla, dan il-qaddis imur iġib l-eżempju ta' S. Pietru u S. Pawl li għaxu ħajja ta' faqar u ta' tbatija:

*Venne Cefàs e venne il gran vasello*
*de lo Spirito Santo, magri e scalzi,*
*prendendo il cibo da qualunque ostello.* (Par. XXI 127-129).

L-erwieħ fis-sema ta' Saturnu jidhru telgħin u neżlin ma' sellum li t-tarf tiegħu, igħidilna S. Benedettu, wieħed minn dawn il-qaddisin, jilħaq l-Empireo fejn Alla qiegħed isaltan fil-milja tal-glorja tiegħu. Huwa l-istess sellum li lemaħ Ġakobb fil-ħolma tiegħu f'Bethel meta ħarab mill-qilla ta' ħuh Esaw:

*Infin là sù la vide il patriarca*
*Iacob porgere la superna parte,*
*quando li apparve d'angeli sì carca.* (Par. XXII 70-72).

Ġa' rajna kemm Dante ħassu miġbud lejn il-misteru kbir ta' l-Inkarnazzjoni. Isemmi kemm-il darba lill-Madonna li qiegħda til-qa' b'umiltà u bi ħlewwa kbira minn għand l-Anġlu Gabrijiel l-aħbar sabiħa li sejra tkun omm Alla. Imma l-umiltà u l-qdusija ta' Marija kif ukoll il-glorja tagħha bħala omm ta' Ġesù, narawhom jittrinjonfaw fid-dawl li jgħammex tal-kwiekeb li fosthom tinżel il-Madonna flim-

kien ma' Binha Ġesù, imdawrin minn qtajjiet kbar ta' qaddisin, huma wkoll rebbieħa fuq il-ħażen u hawn imdawlin bil-grazzja tal-Feddej. Dante ma jirnexxilux jara lil Ġesù, imma waqt li Beatrice tfissirlu t-trijonf ta' Kristu u ta' Marija, huwa jilmaħ dawl qawwi li jdur ma' Marija, u jisma' leħen li jkanta l-kobor tagħha bħala Omm Alla. Xi ġmiel, x'ferħ igawdu fis-sema — igħidilna l-poeta — dawk li f'din id-dinja żergħu u xerrdu l-kelma t-tajba u wettqu għemil li għoġob lill-Mulej. Flimkien mal-qaddisin tat-Testment il-Qadim u tat-Testment il-Ġdid jittrijonfa wkoll S. Pietru, l-ewwel kap tal-Knisja mwaqqfa minn Kristu:

*Quivi triunfa, sotto l'alto filio*
*di Dio e di Maria, di sua vittoria,*
*e con l'antico e col novo concilio,*
*colui che tien le chiavi di tal gloria.* (Par. XXIII 136-139).

Il-qima kbira li Dante dejjem ħass lejn il-Kotba Mqaddsa u l-fidi ħajja li kellu fit-tagħlim imxerred fihom insibuhom fl-istqarrija li minnu jitolbu l-qaddisin Pietru, Ġakbu u Ġwanni qabel ma jkun jista' jersaq aktar fil-qrib lejn it-tron t'Alla. Għall-mistoqsija ta' S. Pietru dwar il-fidi l-poeta jwieġeb bl-istess kliem ta' S. Pawl fl-ittra tiegħu lil-Lhud:

*Fede è sustanza di cose sperate,*
*ed argomento de le non parventi;*
*e questa pare a me sua quidditate.* (Par. XXIV 65-66).

u jżid jistqarr li t-twemmin tiegħu huwa mibni fuq it-tagħlim li ħa mill-Kotba ta' l-Iskrittura:

*"La larga ploia*
*de lo Spirito Santo, ch'è diffusa*
*in su le vecchie e in su le nuove cuoia,*

*è sillogismo che la m'ha conchiusa*
*acutamente si, che 'nverso d'ella*
*ogni dimostrazion mi pare ottusa."* (Par. XXIV 91-96).

Jekk it-twemmin tal-poeta huwa mibni fuq l-istudju ta' l-Iskrittura xejn anqas hija t-tama tiegħu. Lill-Appostlu Ġakbu li jistaqsih x'jifhem bit-Tama, Dante jwieġeb b'leħen sod, jurih li din il-virtù waslet fih minn ħafna għejun,

*ma quei la distillò nel mio cor pria*
*che fu sommo cantor del sommo duce,*

*— Sperino in te — ne la sua teodia*
*dice — color che sanno il nome tue — :*
*e chi nol sa, s'elli ha la fede mia?* (Par. XXV 71-75).

Ma kienx S. Ġakbu stess li qawwieh f'din il-verità bl-ittra tiegħu?

*Tu mi stillasti, con lo stillar suo,*
*ne la pistola poi, sì ch'io son pieno,*
*ed in altrui vostra pioggia repluo.* (Par. XXV 76-78).

Kienu jaħsbu fi żmien Dante li l-Ittra hawn imsemmija kienet ġiet miktuba minn S. Ġakbu l-Kbir, ħu S. Ġwann. Il-lum nafu li hija ta' S. Ġakbu ż-Żgħir, l-ewwel Isqof ta' Ġerusalemm. Dante mexa fuq kif kienu jaħsbuha fi żmienu.

Il-Kotba Mqaddsa għalhekk kienu dawk li nisslu fih fidi u tama fl-ħwejjeġ t'Alla; minnhom mela huwa jistenna s-salvazzjoni ta' ruħu kif igħid il-profeta Isaija:

*"Le nove e le scritture antiche*
*pongon lo segno, ed esso lo mi addita,*
*de l'anime che Dio s'ha fatte amiche.*

*Dice Isaia che ciascuna vestita*
*ne la sua terra fia di doppia vesta;*
*e la sua terra è questa dolce vita."* Par. XXV 88-93).

Dante jsaħħaħ din il-fehma tiegħu b'dak li jikteb l-Evanġelista S. Ġwann fl-Apokalissi:

*"E 'l tuo fratello assai vie più digesta,*
*là dove tratta de le bianche stole*
*questa revelazion ci manifesta."* (Par. XXV 94-96).

L-aħħar mistoqsijiet lil Dante — dawk li jmissu l-virtù ta' l-imħabba — jagħmilhom S. Ġwann, l-Appostlu tant maħbub minn Ġesù li fl-aħħar ċena mar ipoġġi rasu b'imħabba kbira fuq sider l-Imgħallem tiegħu kollu mnikket u li fuq il-Kalvarju ġie magħżul mill-istess Ġesù biex jieħu ħsieb Marija Santissima. Lill-poeta Beatrice tgħidlu:

*"Questi è colui che giacque sopra 'l petto*
*del nostro pellicano, e questi fue*
*di su la croce al grande officio eletto".*
(Par. XXV 112-114).

Lilu Dante jistqarr li Alla huwa l-bidu u t-tmiem ta' l-imħabba tiegħu, ta' kull ħsieb u xewqa tiegħu. Din l-imħabba t'Alla li jħoss f'qalbu, iżid igħid, hija mibnija fuq it-tagħlim li xorob mill-Kotba Mqaddsa, imnebbhin minn Alla nnifsu:

*"Sternel la voce del verace autore,*
*che dice a Moisè, di sè parlando:*
*— Io ti farò vedere ogni valore.* (Par. XXVI 40-42).

u mill-istess S. Ġwann. Jissokta l-poeta:

*"Sternilmi tu ancora, incominciando*
*l'alto preconio che grida l'arcano*
*di qui là giù sovra ogn'altro bando".* (Par. XXVI 43-45).

Hawn jinstema' kant ħelu fis-Sema biex ifisser il-ferħ tal-qaddisin għal dawn it-tweġibijiet ta' Dante; quddiemu tidher allura r-ruħ qaddisa ta' Adam, missier tal-bnedmin kollha, li jfisser xi dubji li jidħlu f'moħħ il-poeta. "F'dak id-dawl", tgħidlu mill-ġdid Beatrice,

*"Vagheggia il suo fattor l'anima prima*
*che la prima virtù creasse mai".* (Par. XXVI 83-84).

Wara titjira fantastika li mill-quċċata tal-Purgatorju twasslu fil-għoli tas-smewwiet, Dante jsib ruħu fl-Empireo fejn jilmaħ taħt għamla ta' warda ta' ġmiel u kobor bla qies l-għaqda sħiħa ta' l-erwieħ qaddisa, imżejna b'dawl l-iżjed qawwi, miġbura madwar Marija Verġni, u mdawra b'qatet kbar ta' anġli li jtiru fuqhom bħal naħal fuq il-ward. Dante milqut minn din id-dehra jdur fuq Beatrice, imma din tinsab mill-ġdid fit-tielet dawra ta' l-istess warda mistika; f'lokha jilmaħ lil S. Bernard, l-aħħar gwida tiegħu f'dan il-vjaġġ tiegħu poetiku, li juriħ x'uħud minn dawk il-qaddisin. L-ewwel ma jara hija Eva. Igħidlu S. Bernard:

*"La piaga che Maria richiuse e unse,*
*quella ch'è tanto bella da' suoi piedi*
*è colei che l'aperse e che la punse".* (Par. XXXII 4-6).

Fuq kollox S. Bernard jistieden lill-poeta biex iħares lejn

l-Omm ta' Kristu. Ta' ħlewwa liema bħalha huwa l-kwadru li Dante jtina mill-ġdid ta' Marija meta jfakkarna fil-grazzja singulari li Alla għamel magħha meta għażilha biex tkun Omm l-Iben tiegħu. Madwarha jtir l-anġlu Gabriel:

"*E quell'amor che primo li discese,*
*cantando "Ave Maria, gratia plena",*
*dinanzi a lei le sue ali distese*". (Par. XXXII 94-96).

Hawn huma n-nisa qaddisa ta' l-Antik Testment: Rachele, Sara, Rebekka, Ġuditta, Ruth:

*Ne l'ordine che fanno i terzi sedi,*
*siede Rachel di sotto da costei*
*con Beatrice, si come tu vedi.*

*Sara e Rebecca, Iudith e colei*
*che fu bisava al cantor che per doglia*
*del fallo disse* — Miserere mei — (Par. XXXII 7-12).

Dal-vjaġġ meraviljuż tal-poeta wasal biex jispiċċa. Il-kruha tad-dnub u l-konsegwenzi tal-bża' li jġib miegħu issa jbiegħdu lil Dante minn kull ħażen, l-indiema sħiħa ta' dnubietu tagħmel li jkun jistħoqqlu l-maħfra t'Alla u l-grazzja li jara b'għajnejh il-ġmiel tas-Sema. Imsaħħaħ mill-grazzja divina, u mħares bi ħniena ta' Omm mill-Imqaddsa Marija, il-poeta jasal biex għal ħin wieħed jifhem il-kobor tal-Ħallieq u l-misteri ewlenin tal-Fidi.

Hekk għandha tmiem il-ħolma poetika ta' dan il-kbir poeta.

Ftit huma l-kotba mqaddsa — kif rajna — li minnhom Dante ma jeħux episodji jew persunaġġi biex bihom isaħħaħ il-ħsieb għoli tiegħu dwar it-twemmin nisrani u jsebbaħ l-arti poetika ta' l-opra tiegħu immortali. Mill-Ġenesi għal-Levitiku, mill-ktieb ta' Ġożwè għas-Salmi tas-Sultan David, mill-ktieb ta' Eżekjeli għal dak ta' Danjeli, mill-ktieb ta' Ester għal dak ta' Ruth; it-Testment il-Qadim narawh għaddej quddiemna b'għadd ta' kwadri li skond il-ħsieb tal-poeta għandhom iqanqlu fina l-biża' tal-ħażen, inisslu l-indiema ta' ħtijietna, u jiżirgħu f'qalbna l-imħabba lejn il-ħwejjeġ qaddisa. It-Testment il-Ġdid ukoll, l-aktar il-Vanġeli ta' S. Mattew u S. Luqa, l-Atti ta' l-Appostli u fuq kollox l-Apokalissi, Dante jmur ipoġġi quddiem għajnejna bħala għejun ħajja ta' verità mibnija fuq il-ħajja u t-tagħlim ta' Kristu.

Id-*Divina Commedia*, miktuba sitt mija u ħamsin sena ilu, il-lum ukoll tista' tittieħed bħala eżempju ta' kif il-kelma t'Alla miktuba

għandha tkun imnaqqxa kull ħin u kullimkien fil-qalb u fil-moħħ ta' kull nisrani. Il-lum ukoll il-messaġġ bibliku ta' Dante, kif insibuh fl-opra grandjuża tiegħu, jurina t-triq waħdanija li fuqha aħna l-insara għandna nimxu jekk irridu tassew nilħqu l-veru ġid tagħna u l-qdusija ta' ruħna. Nitgħallmu, għalhekk, aħna wkoll minn Dante, li għaraf igħożż b'imħabba kbira l-Kotba Mqaddsa, ngħixu ħajja qaddisa billi fuq it-tagħlim ta' Kristu, fl-imħabba safja ta' Marija Verġni u fuq l-eżempju ta' l-erwieħ qaddisa tat-Testment il-Qadim u tat-Testment il-Ġdid, inwettqu għemil ta' fejda li jkun jiswielna għall-ħajja ta' dejjem.